MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 127/2010

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Avviz Nru 127/2010 FDP**
**Fl-ismijiet:**

**Wayne Lee Valentine**

**vs**

**Alexander Farrugia**

**Il-Qorti**

Rat l-avvizipprezentat fis-16 ta' April 2010 fejn ir-rikorrent talab li, a bazi tal-Artikolu 28 tal-Kap 248, peress illi l-intimat tellef jew naqqas ir-reputazzjoni tal-attur minhabba malafama, u minghajr pregudizzju ghad-danni li jistghu jintalbu taht xi ligi li tkun fis-sehh f'dak iz-zmien dwar telf jew hsara attwali, jaghtu lill-attur odjern bhala l-persuna offiza s-somma ta' hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87) bhala kumpens flimkien ma' spejjez u imghax.

Rat ir-risposta ta’ l-intimat ipprezentat fit-8 ta' Gunju 2010 fejn laqa' ghall-akkuzi migjuba billi eccepixxa :-

1. Illi dan l-avviz hu irritu u null billi hu nieqes minn indikazzjoni sine qua non biex l-esponent ikun jista jiddefendi ruhu. In fatt l-avviz isemmi malafama taht l-artikolu 28 tal-Kap 248 (mela bl-istampa jew mezz awdjoviziv) bla ma jindika meta, fejn u fiex kienet tikkonsisti din il-malfama ghalhekk l-esponent jitlob li jigi mehlus mill-osservanza tal-gudizzju, bi spejjez ta’ l-attur sive rikorrent;

2. Bla pregudizzju, l-esponent ma mmalafamax lill-attur sive rikorrent;

3. Salv ecezzjonijiet ohra meta u jekk l-attur sive rikorrent ikun ippreciza ruhu;

Rat illi fis-seduta tas-16 ta' Gunju 2010 il-partijiet qablu li l-ewwel eccezzjoni ghandha tigi deciza flimkien mas-sentenza fuq il-meritu;

Rat ix-xhieda ta' **Wayne Lee Valentine** moghtija viva voce fis-16 ta' Gunju 2010 u fl-10 ta' Novembru 2010.

Rat ix-xhieda ta’ l-**Ispettur Angelo Gafa** moghtija viva voce fl-10 ta' Novembru 2010.

Rat ix-xhieda ta' **Reuben Portanier** moghtija viva voce fl-10 ta' Novembru 2010.

Rat ix-xhieda ta' **David Spiteri Gingell** moghtija viva voce fit-2 ta' Marzu 2011.

Rat illi fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2011, ir-rikorrenti iddikjara illi ma ghandu ebda provi x'jipproduci.

Rat illi fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2011 l-intimat iddikjara illi ma kellu ebda provi xi jressaq.

Rat illi fl-14 ta' Novembru 2011 il-kawza giet differita ghas-sentenza wara illi l-partijiet ttrattaw il-kaz.

Rat l-artikolu inkriminanti esebit bhala Dok WLV2 a fol 20 tal-process intitolat '*Il-'Missing Link' fl-iskandlu tal-BWSC*' ippubblikat fil-gazzetta it-Torca fl-14 ta' Marzu 2010, li tieghu l-intimat huwa l-editur.

Rat ir-rapport kommissjonat mill-Public Accounts Committee tal-Parlament fit-22 ta' Marzu 2010 wara l-pubblikazzjoni ta' l-artikolu inkriminanti, liema rapport gie moghti lin-National Audit Office u li fiha giet mitluba tinvestiga l-allegazzjonijiet maghmulha fl-istess artikolu, u dan esebit bhala Dok WLV3 a fol 22 tal-process.

Rat l-ittra mibghuta mill-Assistent Kummissarju tal-Pulizija inkarigat mill-Economic Crimes & Vices Michael Cassar lil David Spiteri Gingell f' Lulju 2010 fejn gharfu lil Spiteri Gingell bil-konkluzjonijiet taghhom, wara rapport ta' l-istess Spiteri Gingell li sar fil-15 ta' Marzu 2010 sabiex jinvestiga l-allegazzjonijiet maghmulha fuq l-imsemmi artikolu, u dan wara illi l-Pulizija investigaw il-kaz u arrestaw lir-rikorrent fil-kors ta' l-investigazzjonijiet taghhom, esebita bhala Dok AG1 a fol 38A tal-process.

Rat id-decizjoni tal-Kummissjoni dwar l-Etika Gurnalistika moghtija fl-4 ta' Ottubru 2010 fuq ilment imressaq mir-rikorrent fil-konfront ta' l-intimat fit-8 ta' April 2010 rigward l-artikolu meritu tal-kaz odjern.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi r-rikorrent kien impjegat mal-MITTS, illum maghrufa bhala MITA, u dana ghal-perjodu ta' sbatax-il sena meta huwa kien intalab minn David Spiteri Gingell, illi f' dak iz-zmien kien Chief Executive Officer ta’ l-Enemalta kif ukoll Chairman tal-MITA, sabiex imur jassistieh gewwa l-Enemalta f'certi riformi illi kienu qed isiru.

Jirrizulta illi permezz ta' ftehim iffirmat bejn l-Enemalta u l-MITTS fl-1 ta' Novembru 2007, ir-rikorrent kellu, b'effett mit-13 ta' Novembru 2007 u dan sat-12 ta' Novembru 2009, jigifieri ghall-perjodu ta' sentejn, jigi 'attached on a full time basis of a MITTS Ltd employee with Enemalta Corporation'.

Jirrizulta illi l-attachment tar-rikorrent attwalment spicca f'Ottubru 2008, peress illi Spiteri Gingell kien irrizenja minn Chairman ta’ l-Enemalta f' Gunju 2008 u, wara illi lesta xi progetti pendenti, r-rikorrent termina l-attachment tieghu f'Ottubru 2008.

Jirrizulta illi l-Enemalta, f'Ottubru 2006, ippubblikat tender ghall-estensjoni tal-Power Station, fejn l-'outline proposals' tat-tenderers kellhom jigu pprezentati sa’ l- 20 ta' Frar 2007 filwaqt illi l-'preliminary bids' kellhom jigu sottomessi sat-2 ta' Ottubru 2007 wara li t-tender hareg mid-Dipartiment tal-Kuntratti f'Settembru 2007.

Jirrizulta illi eventwalment il-kuntratt finali inghata lis-socjeta BWSC.

Jirrizulta illi skond l-artikolu redatt mill-intimat, huwa allega li r-rikorrent kien ghadda xi informazzjoni kunfidenzjali lill-kollega tieghu gewwa il-MITA, ossija Reuben Portanier, li l-kunjatu tieghu kien l-agent tas-socjeta BWSC, illi eventwalment inghata il-kuntratt ta' l-estensjoni

Jirrizulta illi l-allegazzjoni ta’ l-intimat kienet li:-

"Evidenza li ghandha t-TORCA turi li fis-siegha tal-prova (Valentine) ma naqasx milli jsarraf din il-hbiberija (ma Portanier) fi pjacir, u l-informazzjoni minghand Valentine ghaddiet ghal ghand Portanier, li mbaghad ghaddiha lil Joseph Mizzi li ma naqasx milli juzaha ghall-vantagg tal-klijenti tieghu".

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi hekk kif gie ppubblikat l-artikolu ta’ l-intimat, David Spiteri Gingell, bhala Chairman ta’ l-Enemalta, kien minnufih ghamel Press Conference dakinhar stess biex jichad l-allegazzjonijiet kollha.

Jirrizulta wkoll illi l-istess David Spiteri Gingell kien talab lill-Public Accounts Committee tal-Parlament sabiex jinvestigaw l-allegazzjoni u sabiex jinkarigaw kemm lill-Awditur Generali kif ukoll lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jinvestigaw l-allegazzjonijiet fil-fond.

Jirrizulta illi in-National Audit Office investigat il-kaz u semghet bil-gurament lir-rikorrent u lill-intimat flimkien ma’ Reuben Portanier u David Spiteri Gingell, fejn gie irraportat is-segwenti:-

"With regard to the three main allegations, the NAO asked Mr Farrugia, author of the It-Torca article, whether he was in possession of any evidence that could corroborate and substantiate what was alleged in the article. Mr Farrugia replied that he was no longer in a position to furnish such evidence.

When question by the NAO, Mr Spiteri Gingell declared that he had requested Mr Valentine's transfer from MITA when he was appointed CEO and EMC (Enemalta) as he as lacking resources at the Corporation.

Mr Spiteri Gingell also stated that Mr Valentine had no access to the Delimara Power Station tender related data and files.

Mr Valentine confirmed Mr Spiteri Gingell's statement that he had no acces to any EMC datat on DPS. Mr VAlentine also confirmed Mr Portanier's statement that he had no relative who carried out any works at LGA, and that he was paid on a personal basis for extra work at LGA, which work - as declared by Mr Portanier himself - could not be carried out by MITA personnel.

Mr Portanier declared that, although he knew Mr Valentine quite well and that he had known of Mr Valentine's secondment with EMC, he had never discussed any issue related to Mr Valentine's work at the Corporation or to the DPS tender with him. As such, he (Portanier) was not in a position to pass any information related to the tender to his father-in-law, Mr Joseph Mizzi, BWSC's local agent

No evidence was produced to NAO to substantiate these allegations"

Jirrizulta illi bhala rizultat ta' l-investigazzjonjiet tan-National Audit Office, gie konkluz mill-Awditur Generali illi ma irrizulta ebda provi li setghu jissostanzjaw tali allegazzjonijiet maghmulha mill-intimat.

Jirrizulta illi fl-4 ta' Gunju 2010 ir-rikorrent gie arrestat mill-Pulizija u interrogat dwar l-allegazzjonijiet maghmulha mill-intimat fl-artikolu inkriminanti. Ir-rikorrent sussegwentement irrilaxxja stqarrija mal-Pulizija fejn cahad kategorikament l-allegazzjonijiet maghmulha kontra tieghu mill-intimat, u eventwalment gie rilaxxjat.

Jirrizulta illi l-Pulizija, tramite l-Ispettur Angelo Gafa, baqghu jaghmlu l-investigazzjonjiet taghhom u interrogaw ukoll il-persuni illi hadu direttament fuq it-tender document, jigifieri Albert Farrugia u Peter Grima, li ikkonfermaw li huma qatt ma kellhom kuntatt mar-rikorrent filwaqt illi gie ikkonfermat illi l-ewwel tender document kien inhareg fit-28 ta' Awissu 2007, u dana kif infurmat mid-Direttur tal-Kuntratti Francis Attard.

Jirrizulta illi l-Pulizija, permezz ta' ittra mibghuta lil David Spiteri Gingell fis-6 ta' Lulju 2010, infurmat lill-istess Spiteri Gingell li:-

You may wish to note that this case has been thoroughly investigated and no criminal offences were unearthed.

Jirrizulta illi fid-9 ta' Gunju 2010 gew imnieda proceduri quddiem il-Kummissjoni dwar l-Etika Gurnalistika mir-rikorrenti kontra l-intimat, liema Kummissjoni zammet tlett seduti, ghal liema seduti l-intimat qatt ma attenda.

Jirrizulta illi fid-decizjoni erudita' taghha moghtija fl-4 ta' Ottubru 2010, il-Kummissjoni sabet lill-intimat hati talli agixxa b'mod mhux etiku fil-konfront tar-rikorrent u dana bi ksur car u manifest tal-paragrafi (c),(d),(m) u (n) tal-Artikolu 4 tal-Kodici tal-Etika Gurnalistika u ghalhekk imponiet l-aktar sanzjoni iebsa ghaliha, ossija censura gravi.

Jirrizulta illi l-Kummissjoni wasslet ghall-konkluzjonijiet taghha ghar-ragunijiet segwenti:-

"Dan billi (1) tali informazzjoni ottjenuta giet ippubblikata minghajr ma sar ebda sforz sabiex tigi verifikata l-veracita' u l-akkuracita' ta’ l-istess meta dan kien facilment possibbli ghall-gurnalist li jaghmel; (2) ghalkemm kien gie stabbilit, anke wara investigazzjonijiet ufficjali, illi tali informazzjoni kif kontenut fl-artikolu koncernat kien ghall-anqas sinifikatament inakkurat, kien jikkonsisti fi stqarrija zgwidanti u kien jammonta ghal rappurtagg imzelleg, ma sar l-ebda sforz sabiex tiggi pubblikata minnufih korrezzjoni prominenti; (3) tali informazzjoni kif ippubblikata kienet tammonta ghal falsita'; u (4) fir-rappurtagg ta' tali informazzjoni ma saret l-ebda distinzjoni bejn dawk li huma fatti fuq naha 'l wahda, u dik li hija konentura fuq in-naha l-ohra, anzi l-istess informazzjoni giet mghoddija lill-qarreja bhala li kien fattwalment minnu, mentri invece dan ma kienx."

**Ikkunsidrat.**

Illi l-ewwel eccezzjoni hija illi l-avviz huwa null billi ma jaghti ebda indikazzjoni lill-intimat meta fejn u fiex kienet tikkonsisti il-malfama.

Il-Qorti tinnota li, ghalkemm l-avviz per se ma jindikax l-artikolu malafamanti, l-intimat kien certament a korrent ta' liema artikolu kien qieghed jigi indikat, peress illi jiem qabel kienet gia saret rapport lill-Kummissjoni dwar l-Etika tal-Gurnalisti u, dakinhar stess illi gie ippubblikat l-avviz, kien hemm Press Conference illi fiha gie michud dak kollu illi kien allega l-intimat.

Apparti minn hekk, l-intimat kellu kull opportunita illi jressaq eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif sar jaf bl-artikolu inkriminanti izda, mhux talli ma ressaq ebda eccezzjoni, talli lanqas biss ma ressaq ebda prova biex jiddeffendi lilu nnifsu.

Ghalhekk tali eccezzjoni ma ghandhiex bazi u qed tigi michuda.

**Ikkunsidrat.**

Illi l-intimat sahaq illi huwa ma immalafamax lir-rikorrent.

Illi, kif qalet il-Qorti ta’ l-Appell fis-sentenza taghha Dr Louis Galea vs Joseph Mifsud deciza fit-3 ta' Frar 2012,

"Gurnalizmu investigattiv ghandu jinghata ampia protezzjoni f'socjeta` demokratika. Anke jekk certi allegazzjonijiet jigu michuda minn dak milqut, il-gurnalist, xorta jibqghalu d-dritt li jinvestiga u jistharreg fuq l-allegazzjoni – anke jekk tibqa allegazzjoni mhux pruvata kif trid il-ligi. Dak li jsir f'kaz ta' gurnalizmu investigattiv serju, anke meta jirrizulta zball genwin, jista' wkoll ikun tollerat."

Kif gie nnutat fil-kawza Aquilina noe v. L-Avukat Generali et, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Jannar 2008,

fejn saret riferenza ghall-gurisprudenza precedenti ukoll, dwar il-materja inkwistjoni il-Qorti kienet qalet:

“Fil-kawza Galea v. Mifsud, deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Settembru 2007, intqal li gurnalizmu investigattiv ghandu jimmerita aktar protezzjoni u dan fl-interess tal-pubbliku in generali li jkun infurmat. Intqal a propozitu li: “meta Qorti tkun rinfaccjata b'gurnalizmu verament investigattiv u responsabbli dwar materja ta' interess pubbliku, hija ghandha taghti margini u latitudni mill-aktar wiesa lil min ikun kiteb jew ippubblika dak il-materjal fl-ezami ta' jekk kumment ikunx wiehed fair o meno (ara ez. Victor Pace v. Joe Azzopardi et, Qorti tal-Appell 8/6/2004); u wiehed jista' jmur oltre u jghid ukoll li meta si tratta ta' tali gurnalizmu investigattiv u responsabbli jista' jaghti l-kaz li jekk jikkonkorru certi cirkostanzi, ma jkun hemm ebda responsabbilta` ghall-malafama anke jekk sussegwentement jirrizulta li xi fatt wiehed jew aktar li jkun gie ppubblikat kien inveritjer (ara s-sentenza tal-House of Lords tal-11 ta' Ottubru 2006 fl-ismijiet Jameel v. Wall Street Journal Europe SPRL [2006] UKHL 44; [2006] All ER(D) 132 (Oct)). Dan kollu pero`, ghar-raguni appena spjegata, ma japplikax ghall-ktieb meritu ta' din il-kawza ghax jonqos palesament l-element investigattiv fih.””

Dwar il-bilanc illi il-Qrati iridu jassikuraw bejn id-dritt tal-espressjoni u id-dritt ta' reputazzjoni, il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fil-kawza 'Dr George Abela vs Carmelo Abela' deciza fit-23 ta' Ottubru 2009, qalet:-

" ... jigi ribadit dak drabi ohra ravvizat minn din il-Qorti f'materja ta' diffamazzjoni bil-mezz ta' l-istampat illi d-dritt ghar-reputazzjoni jidhol fil-katergorija ta' dawk id-drittijiet invjolabbli tal-bniedem. Dan bl-istess mod li d-dritt ta' l-espressjoni hielsa hi l-fondament ta' stat demokratiku, formanti parti mill-kategorija tad-drittijiet pubblici soggettivi. It-tnejn huma, kostituzzjonalment u konvenzjonalment, imharsa. Ukoll, pero`, iz-zewg valuri, spiss drabi, isibu ruhhom f'qaghda ta' konflitt;

Fir-rigward ta' dan il-konfront il-ligi ma tforni ebda kriterju fiss u kollox hu mholli ghall-valutazzjoni ta' kull kaz singolari. B'danakollu, il-gurisprudenza tipproponi certi rekwiziti ghall-osservanza taghhom minn min irid jiddivulga informazzjoni lill-pubbliku u lill-qarrejja in generali. Hekk jinghad li d-dritt tal-kronaka bil-mezz ta' l-istampat jew b'mezzi ohra informattivi hu legittimu meta dak rakkontat (i) ikun bazat fuq fatti intrinsikament veri, fil-kompletezza taghhom, (ii) il-fatti, ghal dik li hija l-fonti u l-attendibilita` taghhom, ikunu sew u diligentement investigati u vverifikati, b'mod li jkun hemm korrispondenza sostanzjali bejn il-fatti kif issuccedew u l-fatti accertati, u (iii) li l-istess fatti jkunu prodotti f'forma oggettiva u minghajr zieda ta' espressjonijiet jew kliem b'ton diffamatorju. Ovvjament, dan ma jfisserx illi l-gudizzju processwali ta' l-awtur ta' l-istampat huwa pprojbit. Iffisser biss li l-interpretazzjoni tal-fatti, jew tal-komportament u l-atti tal-bniedem iggudikat, ghandha tithaddem fil-qafas u fir-rispett tal-verita oggettiva, ghax jekk issir fuq il-bazi ta' fatti mhux veri, ma tistax hlief isservi bhala pretest biex wiehed joffendi r-reputazzjoni u l-unur tal-persuna kkritikata. Mhux il-kaz li l-Qorti toqghod taghmel referenza ghal sentenzi specifici fuq dan il-punt appena espost anke ghaliex dawn huma kopjuzi u x-xelta fosthom mhux ta' facli spedizzjoni;"

**Ikkunsidrat**

Illi fil-kaz in ezami, jirrizulta bl-aktar mod car u lampanti illi l-artikolu huwa rizultat ta' gurnalizmu hazin u pessmu, peress illi jidher li l-intimat naqas milli jaghmel dak li huwa rikjest minghandu meta huwa kien qieghed jirrapporta il-kaz u strah fuq allegazzjonijet moghtija lilu minn sors illi, "fis-siegha tal-prova", biex il-Qorti tikkwota il-kliem li ghazel juza l-intimat fil-konfront tar-rikorrent, naqas milli jsarrafflu l-informazzjoni li tah f'provi konkreti.

Illi huwa car li l-intimat abbuza bil-mezzi tal-media sabiex jaghti informazzjoni lill-qarrej komuni minghajr ma ghamel distinzjoni bejn dawk li huma fatti u dawk li huma kongunturi.

Illi hawnhekk issir referenza ghal dak li qalet il-Qorti Ewropea fil-kawza Fresos & Roire vs France “the press plays an important role in a democratic society, although it must not overstep certain bounds, in particular in respect of reputation and rights of others. People exercising freedom of expression including journalists undertake duties and responsibilities.”

Bhalma gia kellha okkazzjoni taghmel din il-Qorti f'decizjonijiet ohra, gurnalizmu serju u investigattiv ghandu jigi protett u promoss, izda gurnalizmu mhux etiku ghandu jigi kastigat bl-aktar mod gravi peress illi mhux biss jattakka l-integrita tal-persuna illi dwarhom tkun qed issir l-allegazzjonijiet, izda jimmina ir-rispett u l-fiducja li gurnalist ghandu jkollu mac-cittadin, liema fiducja tigi imnaqqra kull darba illi gurnalist jabbuza bil-posizzjoni tieghu biex jattakka terzi persuni bil-ghan illi jhammighom f'ghajn il-pubbliku, bhal ma gara f'dan il-kaz.

Apparti minn hekk, fil-kaz odjern, mhux biss ir-rikorrenti kellu r-reputazzjoni tieghu imhammga mill-allegazzjonijiet ta’ l-intimat, izda tali spicca investigat mill-Public Accounts Committee u mill-Awditur Generali, kif ukoll mill-Kummissarju tal-Pulizija illi sahansitra arrestah waqt tali investigazzjonijiet - aktar hsara minn hekk l-intimat ma setax jirreka.

Ghalhekk, il-Qorti ghandha timponi fuq l-intimat l-aktar piena iebsa illi hija tista tinfliggi.

**Konkluzjoni**

**Il-Qorti**

Wara illi rat ix-xhieda prodotti u d-dokumentazzjoni esebita.

Wara illi rat l-artikolu inkriminanti datat 14 ta' Marzu 2010 intitolat 'Il-'missing link' fl-iskandlu tal-BWSC' u ppubblikat fil-harga tat-Torca mill-intimat.

Tghaddi u tiddeciedi billi;

Tichad l-eccezzjonijiet kollha u;

Tilqa t-talba attrici kif dedotta u;

Ai fini tal-Artikolu 28 tal-Kap 248 tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrent is-somma ta' hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87) bhala kumpens flimkien ma' spejjez u imghax kif rikjesti fl-avviz.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------